IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2017
COM(2017) 254 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Rapport dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

{SWD(2017) 204 final}

MT MT

I. Introduzzjoni

Dan ir-rapport janalizza l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol[1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva" jew "id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol"), kif jitlob l-Artikolu 24 tad-Direttiva. Ir-rapport ifakkar l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva u jistabbilixxi s-sejbiet prinċipali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istati Membri. Fl-anness għar-rapport hemm dokument ta' ħidma tal-persunal li fih il-Kummissjoni tiżviluppa f'aktar dettall ir-riżultati tal-eżaminazzjoni tagħha.[2]

Għaldaqstant, l-għan ta' dan ir-rapport huwa li tingħata ħarsa ġenerali ta' kif l-Istati Membri implimentaw id-Direttiva u ssir enfasi fuq il-kwistjonijiet u l-problemi ewlenin.

Il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta wkoll komunikazzjoni interpretattiva[3] sabiex l-Istati Membri u partijiet oħrajn ikkonċernati jkollhom ċarezza u ċertezza legali meta japplikaw id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u għaldaqstant tittejjeb l-implimentazzjoni attwali tagħha. Ir-rapport u l-komunikazzjoni interpretattiva għandhom l-għan komuni ta' implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva, f'konformità mal-qafas ta' poltika stabbilit fil-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni "*'Id-Dritt tal-Unjoni: Riżultati Aħjar permezz ta' Applikazzjoni Aħjar*'[4].

Madankollu, ma jistax jipprovdi rendikont eżawrjenti tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali kollha u ma jippreġudika l-ebda pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu fi kwalunkwe proċediment legali futur.

II. L-għan u r-rekwiżiti tad-Direttiva

Id-Direttiva ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 137(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (issa l-Artikolu 153(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea).

Il-fini ewlieni tagħha huwa li tistabbilixxi rekwiżiti minimi tas-sigurtà u s-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Bosta studji juru li sigħat tax-xogħol twal u nuqqas ta' mistrieħ (b'mod partikolari għal perjodi twal) jista' jkollhom effetti ħżiena (rata ogħla ta' inċidenti u żbalji, aktar stress u għeja, riskji għas-saħħa għal perjodu qasir u perjodu twil).

[1] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9). Id-Direttiva tikkonsolida u tħassar żewġ Direttivi preċedenti mill-1993 u l-2000.

[2] SWD(2017) 204

[3] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Komunikazzjoni Interpretattiva mill-Kummissjoni dwar id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, C(2017) 2601

[4] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Id-dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar, C/2016/8600, ĠU C 18, 19.1.2017

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti" jew "il-QtĠ-UE") sostniet li r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-ħin massimu tax-xogħol, il-liv annwali mħallas u l-perjodi minimi ta' mistrieħ "*jikkostitwixxu regoli tad-dritt soċjali Komunitarju ta' importanza partikulari li minnhom għandu jibbenefika kull ħaddiem'*"[5].

B'mod simili, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[6] fl-Artikolu 31(2) tistipula li:

> *"Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perijodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' liv imħallas."*

Id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi komuni għall-ħaddiema fl-Istati Membri kollha, li jinkludu:

- limiti fuq il-ħin tax-xogħol (mhux aktar minn medja ta' 48 siegħa fil-ġimgħa, inkluż is-sahra);
- pawżi ta' mistrieħ minimi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa (tal-anqas 11-il siegħa konsekuttiva ta' mistrieħ kuljum u 35 siegħa ta' mistrieħ kull ġimgħa mingħajr interruzzjoni);
- liv annwali mħallas (tal-anqas 4 ġimgħat fis-sena);
- protezzjoni addizzjonali għall-ħaddiema ta' billejl.

Id-Direttiva tistipula wkoll flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. F'ċerti attivitajiet, il-perjodu minimu ta' mistrieħ jista' jiġi pospost kompletament jew parzjalment. Ħaddiema individwali jistgħu jagħżlu li jaħdmu aktar mil-limitu ta' 48 siegħa (din tissejjaħ "nonparteċipazzjoni"). Ftehimiet kollettivi jistgħu jistipulaw għal aktar flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, pereżempju billi jippermettu li l-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa jinqasam f'medja fuq firxa ta' perjodi sa 12-il xahar.

III. Analiżi tal-applikazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri

Fl-2014, il-Kummissjoni impenjat ruħha biex teżamina l-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri kollha. Din l-eżaminazzjoni ħadet inkunsiderazzjoni rapporti nazzjonali (inkluż il-fehmiet ta' sħab soċjali nazzjonali u Ewropej), rapporti tal-Kummissjoni preċedenti dwar l-implimentazzjoni, l-informazzjoni miġbura minn proċeduri tal-EU-Pilot u dawk ta' ksur,

[5] Is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2005, *Abdelkader Dellas and Others v Premier ministre and Ministre des Affaires sociales, du Travail et de la Solidarité, C-14/04, ECLI:EU:C:2005:728*, para. 40-41 u 49; Is-sentenza tas-6 ta' April 2006, *Federatie Nederlandse Vakbeweging* v *Staat der Nederlanden,* il-kawża C-124/05, ECLI:EU:C:2006:244, para 28.

[6] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1); Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, *"Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn."*

kontribuzzjonijiet minn esperti indipendenti u riċerka li saret mill-Kummissjoni stess. L-iktar sejbiet importanti ta' rilevanza ġenerali huma miġbura fil-qosor fil-punti A sa I hawn taħt. Dawn il-punti huma relatati ħafna ma' xulxin u kwalunkwe valutazzjoni tal-konformità mad-Direttiva għandha tieħu dan inkunsiderazzjoni.

A. Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

Mill-informazzjoni disponibbli, jista' jiġi konkluż li d-Direttiva fil-biċċa l-kbira ġiet trasposta kemm fis-setturi pubbliċi kif ukoll dawk privati.

Madankollu, f'xi Stati Membri, kategoriji ta' ħaddiema huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Fis-settur pubbliku dan huwa komuni l-aktar għall-forzi armati, il-pulizija u forzi tas-sigurtà oħrajn kif ukoll għas-servizzi tal-protezzjoni ċivili bħal persunal tal-ħabs u ħaddiema tas-servizz pubbliku tat-tifi tan-nar[7]. Fil-każ tas-settur privat, bosta Stati Membri jeskludu lill-ħaddiema domestiċi[8].

Tali esklużjonijiet mhumiex konsistenti mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, sakemm ma tiġix żgurata t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva permezz ta' ftehimiet kollettivi.

B. Ħaddiema b'aktar minn kuntratt wieħed ta' impjieg

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-'ħaddiema'. Madankollu, ma tgħidx b'mod speċifiku jekk id-dispożizzjonijiet jistabbilux limiti assoluti f'każ ta' kuntratti konkurrenti ma' impjegat wieħed jew aktar jew jekk japplikawx għal kull relazzjoni tal-impjieg b'mod separat. Il-Qorti għad ma kellhiex tagħti deċiżjoni dwar dan il-punt. Kif indikat fir-rapporti preċedenti[9], il-Kummissjoni tqis li fid-dawl tal-għan tad-Direttiva li ttejjeb is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem, il-limiti fuq il-medja ta' ħin tax-xogħol fil-ġimgħa u fuq il-mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa għandhom japplikaw kemm jista' jkun

[7] L-Irlanda (L-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol Att numru 20 Parti I Nru 3 para. (1) An Garda Síochána (pulizija), forzi armati), l-Irlanda (L-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol Att numru 20 Parti I Nru 3 para. (3b) u r-Regolamenti tal-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol (Eżenzjoni tas-Servizzi tal-Protezzjoni Ċivili) (S.I. Nru 52/1998) ia. pumpieri, staff tal-ħabs u persunal tal-emerġenza marina; Ċipru (Il-Liġi tal-2002 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol, l-Art. 4 forzi armati); L-Italja (Digriet Leġiżlattiv Nru 66/2003 Artikolu 2 — tal-pulizija u l-forzi armati, il-ġudikatura, penitenzjarja, sigurtà pubblika u tal-protezzjoni ċivili huma esklużi jekk dmirijiethom ħtiġijiet partikolari u b'Digriet Ministerjali tipprovdi hekk).

[8] Il-Belġju (Kodiċi tax-Xogħol tas-16 ta' Marzu 1971 Artikolu 3); Il-Greċja (Digriet Presidenzjali Nru 88/1999 kif emendat mid-Digriet Presidenzjali Nru 79/2005 Artikolu 1), il-Lussemburgu (Kodiċi tax-Xogħol Artikolu L. 211-2, l-Iżvezja (Sigħat ta' Xogħol Att SFS 1982:673 Taqsima 2), ir-Renju Unit (Ir-Regolamenti dwar il-Ħin tax-Xogħol 1998 Parti III Regolament 19).

[9] Rapport mill-Kummissjoni dwar l-Istat ta' Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, COM(2000) 787 final; Rapport mill-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u d-dokument ta' akkumpanjament, COM(2010) 802 final u SEC(2010) 1611 final.

għal kull ħaddiem. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-objettiv dwar is-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol jintlaħaq kompletament, il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri għandha tipprevedi l-mekkaniżmi li hemm bżonn għall-monitoraġġ u l-infurzar.

Il-prattika tal-Istati Membri tvarja b'mod konsiderevoli fuq dan il-punt. L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, ir-Renju Unit, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands u s-Slovenja japplikaw id-Direttiva għal kull ħaddiem (l-aktar taħt dispożizzjonijiet legali espressi dwar dan l-għan).

Min-naħa l-oħra, ir- Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Spanja, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, u s-Slovakkja japplikaw id-Direttiva għal kull kuntratt.

Fil-Belġju, il-Finlandja u l-Iżvezja, id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem meta jkun hemm aktar minn kuntratt wieħed mal-istess impjegatur iżda għal kull kuntratt f'sitwazzjonijiet fejn il-ħaddiem għandu aktar minn kuntratt wieħed ma' impjegaturi differenti.

C. Definizzjoni ta' "ħin tax-xogħol" u "ħin tal-għassa"

B'mod ġenerali, id-definizzjoni formali ta' "ħin tax-xogħol" stabbilita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (jiġifieri li l-ħaddiem *"ikun għax-xogħol, għad-dispożizzjoni ta' min jimpjegah u jwettaq l-attivitajiet jew id-doveri tiegħu*") ma tidhirx li twassal għal problemi ta' applikazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri m'għandhomx dispożizzjonijiet legali speċifiċi li jiddefinixxu l-istatus ta' dak li jissejjaħ xogħol tal-għassa.

"Ħin tal-għassa" jirreferi għal perjodi li fihom ħaddiem huwa meħtieġ jibqa' fuq il-post tax-xogħol jew post ieħor iddeterminat mill-impjegatur, lest sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu jew tagħha jekk mitlub jagħmel dan. Skont id-deċiżjonijiet tal-Qorti**,** għall-finijiet tad-Direttiva l-ħin kollu tal-għassa jrid jgħodd bħala ħin ta' xogħol. Dan il-prinċipju japplika kemm għal perjodi meta l-ħaddiem qiegħed jaħdem b'risposta għal sejħa, (ħin tal-għassa "*attiv*"), kif ukoll għal perjodi meta hu jitħalla jistrieħ waqt li jkun qiegħed jistenna sejħa, (ħin tal-għassa "*inattiv*"), diment li hu jibqa' fuq il-post tax-xogħol.

Meta fir-regoli nazzjonali ssir referenza speċifika għax-xogħol tal-għassa, b'mod ġenerali din hija konsistenti mal-interpretazzjoni tal-Qorti. Barra minn hekk, b'mod ġenerali fil-prattika l-qrati nazzjonali introduċew il-każistika tal-UE.

Fost l-Istati Membri, il-konformità mar-rekwiżit li l-ħin tal-għassa jingħadd bħala ħin ta' xogħol qiegħda titjieb, imma għad hemm xi problemi.

Fis-Slovenja, l-atti legali li jirregolaw il-pulizija, l-imħallfin, il-forzi armati u l-impjegati taċ-ċivil[10] għadhom jistipulaw espressament li l-perjodi inattivi waqt il-ħin tal-għassa fuq il-post tax-xogħol m'għandhomx jitqiesu bħala ħin tax-xogħol. Fil-Belġju, digriet li japplika għal boarding schools u ċerti stabbilimenti ta' kura residenzjali fil-komunitajiet Franċiżi u Ġermaniżi u fir-reġjun tal-Vallonja jippermetti uwkoll li ċerti perjodi ta' ħin ma jingħaddux bħala ħin tax-xogħol. Dawn huma partijiet mill-perjodi li wieħed ikun qatta' jdur mar-residenti fuq eskursjonijiet u parti mill-perjodi filgħaxijiet u matul il-lejl li fihom il-ħaddiem għandu post adegwat sabiex jistrieħ[11]. Għall-assistenti tal-kura soċjali fl-Irlanda u tobba fis-settur tas-saħħa pubblika fil-Greċja, għad hemm problema bl-għadd tal-ħin tal-għassa bħala ħin tax-xogħol, iżda għaddejja ħidma sabiex is-sitwazzjoni tiġi allinjata mad-Direttiva. Skont ftehim kollettiv ġdid għal tobba muniċipali fil-Finlandja,[12] ix-xogħol tal-għassa ta' ċerti tobba mwettaq b'żieda mal-ħin tax-xogħol regolari tagħhom ma jgħoddx bħala ħin tax-xogħol. Fid-Danimarka, il-leġiżlazzjoni tippermetti lis-sħab soċjali biex jiftiehmu li l-perjodu ta' mistrieħ jista' jsir waqt id-dmir tal-għassa fuq il-post tax-xogħol u wħud mis-sħab soċjali fis-settur tas-saħħa użaw din il-possibbiltà[13].

D. Pawżi u perjodi ta' mistrieħ

L-Artikolu 4 jistipula pawża ta' mistrieħ meta l-jum tax-xogħol ikun itwal minn 6 sigħat, mingħajr ma jispeċifika d-durata tal-pawża jew jiddefinixxiha f'termini aktar dettaljati. Id-Direttiva tesiġi li dawn id-dettalji għandhom ikunu "*stabbiliti fi ftehim kollettiv jew ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija jew, f'nuqqas ta' dan, b'leġiżlazzjoni nazzjonali*".

Id-Direttiva tippermetti li l-ftehimiet kollettivi jistabbilixxu d-durata u t-termini tal-pawża. Minkejja dan, id-dmir li d-Direttiva tiġi trasposta jaqa' taħt l-Istati Membri. Għaldaqstant, hija r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li l-ħaddiema kollha, inklużi dawk li jistgħu ma jiġux koperti bi ftehimiet kollettivi, ikunu intitolati għal pawża.

B'mod ġenerali, din id-dispożizzjoni tidher li ġiet trasposta b'mod sodisfaċenti. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jistabbilixxu dispożizzjonijiet minimi għat-tul u l-ħin ta' pawża ta' mistrieħ waqt il-jum tax-xogħol. Madankollu, xi Stati Membri ma jistabbilixxux durata

[10] L-Att dwar l-Organizzazzjoni u x-Xogħol tal-Pulizija (Gazzetta Uffiċjali tas-Slovenja, Nru 15/13, 11/14, 86/15, 77/16) Artikolu 71; l-Att dwar is-Servizzi Ġudizzjarji (Gazzetta Uffiċjali tas-Slovenja, Nru 94/07 test uffiċjali konsolidat, 91/09, 33/11.63/13.95/14.95/14 ZUPPJS15, 17/15); l-Att dwar id-Difiża) l-Artikolu 97e (Gazzetta Uffiċjali tas-Slovenja l-RS, Nru 103/04, 95/16-test konsolidat Nru 8); il-Ftehim Kollettiv għas-Settur Pubbliku (Gazzetta Uffiċjali tas-Slovenja, Nru 57/08, 23/09, 19/09, 89/10, 40/12, 46/13, 95/14, 91/16 Artikolu 46.

[11] Id-Digriet Irjali tas-26 ta' Mejju 2002 dwar il-ħinijiet tax-xogħol ta' ħaddiema impjegati f'istituzzjonijiet u servizzi tas-Sottokumitat Konġunt dwar l-Edukazzjoni u l-Akkomodazzjoni tal-Komunità Franċiża, ir-Reġjun tal-Vallonja u l-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż (C.P. 319.02). 319.02).

[12] KT-Impjegaturi tal-Gvern Lokali u l-Organizzazzjoni ta' Negozjati għal Professjonisti fis-Settur Pubbliku (JUKO) 31 ta' Mejju 2016.

[13] L-Ordni Eżekuttiva Nru 324 tat-23 ta' Mejju 2002 dwar Perjodi ta' Mistrieħ ta' Kuljum u fil-Ġimgħa Taqsima 19, Ftehim Kollettiv dwar il-Ħin tax-Xogħol għall-Persunal tas-Saħħa Impjegat mir-Reġjuni Anness 5 Ftehim Kummentat dwar ħin ta' Mistrieħ ta' Kuljum u fil-Ġimgħa għall-Persunal tas-Saħħa Taqsima 4 (jiġifieri infermiera, bijoanalisti, fiżjoterapisti), Ftehim Kollettiv għal Tobba Impjegati fir-Reġjuni Taqsima 29

minima għall-pawża ta' mistrieħ bil-liġi,[14] u mhuwiex ċar jekk il-ftehimiet kollettivi jkopru x dawn l-aspetti fil-każijiet kollha.

Fir-rigward tal-bqija (l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva), ir-rekwiżit ewlieni tad-Direttiva huwa li ħaddiem irid ikollu minimu ta' 11-il siegħa konsekuttiva ta' mistrieħ kuljum għal kull perjodu ta' 24 siegħa u minimu ta' perjodu ta' 24 siegħa mistrieħ mingħajr interruzzjoni għal kull perjodu ta' sebat ijiem, flimkien mal-11-il siegħa ta' mistrieħ ta' kuljum. Id-Direttiva tistipula l-possibbiltà li l-mistrieħ ta' kull ġimgħa jitnaqqas għal 24 siegħa għal raġunijiet oġġettivi.

Dawn ir-rekwiżiti ewlenin jidhru trasposti b'mod sodisfaċenti fil-liġi nazzjonali mill-Istati Membri għall-biċċa l-kbira tas-setturi. Jidher li f'ċerti aspetti, ftit Stati Membri ttrasponew ir-rekwiżit għall-mistrieħ ta' kull ġimgħa b'mod skorrett, eż għax ir-rekwiżit mhuwiex traspost għal settur partikolari[15] jew billi jipprevedu l-użu ta' perjodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa mingħajr il-preżenza ta' raġunijiet oġġettivi konkreti[16].

E. Limiti għall-ħin tax-xogħol

Taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva, il-ħin tax-xogħol medju fil-ġimgħa (inkluż is-sahra) m'għandux jaqbeż it-48 siegħa fil-ġimgħa. B'mod ġenerali, dan il-limitu ġie traspost b'mod sodisfaċenti, u bosta Stati Membri effettivament qegħdin jistabbilixxu standards aktar protettivi.

Bosta pajjiżi emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom għal ċerti gruppi ta' ħaddiema sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva. Xorta għadna naraw ftit każijiet fejn il-limitu tad-Direttiva jinqabeż, primarjament:

- Il-limitu massimu għall-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa li ssemmi d-Direttiva għadu mhux traspost b'mod sodisfaċenti mill-Irlanda għall-assistenti tal-kura soċjali u lanqas mill-Greċja għat-tobba fis-servizzi tas-saħħa pubblika, iżda għaddejja ħidma sabiex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata.
- Il-Kodiċi tax-Xogħol Bulgaru jistipula għal ħin tax-xogħol fil-ġimgħa sa 56 siegħa fejn ġiet stabbilita sistema ta' kalkolu medju tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa u ma tillimitax l-użu ta' sahra obbligatorja għall-forzi tad-difiża nazzjonali, emerġenzi, restawrazzjoni urġenti ta' utilitajiet pubbliċi jew trasport u l-forniment ta' assistenza medika[17].

---

[14] Id-Danimarka (L-Att Statutorju Nru 896 tal-2004 dwar l-implimentazzjoni ta' partijiet mid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol Taqsima 3); Il-Lussemburgu (Il-Kodiċi tax-Xogħol Art. L. 211-16); ir-Rumanija (il-Kodiċi tax-Xogħol (Liġi Nru 53/2003) Artikolu 134); L-Iżvezja (l-Att dwar is-Sigħat tax-Xogħol (1982/673) Taqsima 15).

[15] Spanja (impjegati taċ-ċivil)

[16] Il-Belġju, is-Slovenja (is-settur tas-saħħa).

[17] Il-Kodiċi tax-Xogħol, l-Artikoli 142 u 146.3.

Jidher ukoll li l-limitu ta' erba' xhur għall-kalkolu tal-massimu tal-ħin tax-xogħol jinqabeż fil-Ġermanja,[18] il-Bulgarija[19] u s-Slovenja,[20] fejn huwa stabbilit għal 6 xhur, u fi Spanja, fejn huwa stabbilit għal 12-il xahar[21]. Dan mhuwiex limitat għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva.

F. Liv annwali

Id-dritt ewlieni għal liv annwali mħallas (Artikolu 7 tad-Direttiva) ġeneralment huwa traspost b'mod sodisfaċenti.

L-Istati Membri kollha espliċitament jistipulaw id-dritt għal mill-inqas 4 ġimgħat ta' liv annwali mħallas, u kollha jistipulaw li l-ħaddiem jirċievi "l-paga medja" tiegħu/tagħha, "ir-rata normali fil-ġimgħa" tiegħu/tagħha, "ir-remunerazzjoni medja fix-xahar" jew simili meta hi/hu tkun/jkun bil-liv.

Madankollu, ġew identifikati żewġ problemi ewlenin. L-ewwel nett, xi Stati Membri jimponu kundizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni jew it-teħid ta' liv annwali mħallas fl-ewwel sena ta' impjieg li jmorru lil hinn minn dak li tipprevedi d-Direttiva kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Pereżempju, jistabbilixxu perjodi ta' kwalifikazzjoni li huma twal wisq (6-8 xhur) qabel ma jkun jista' jittieħed xi liv[22].

Xi Stati Membri għandhom sistemi li fihom id-dritt għal-liv annwali *bi ħlas* huwa akkwisat skont il-qligħ tal-ħaddiem f'sena kwalifikanti li tippreċedi s-sena li fiha jista' jittieħed il-liv annwali mħallas ("is-sena tal-btala")[23]. Il-ħaddiem huwa intitolat għal ħin liberu mix-xogħol fis-sena tal-btala, iżda mingħajr paga. Dawn ir-regoli jistgħu jwasslu għal dewmien ta' aktar minn sena qabel ma jkun jista' jittieħed il-liv annwali mħallas akkumulat.

It-tieni problema ewlenija hija l-iskadenza tad-dritt għal liv annwali mħallas li l-ħaddiem ma setax jieħu. Il-QtĠ-UE sostniet li ħaddiem li ma jistax jaħdem minħabba mard ikompli jakkumula l-intitolament għal-liv annwali mħallas waqt il-perjodu ta' liv minħabba mard. L-Istati Membri jistgħu jqiegħdu limiti fuq il-possibbiltà ta' trasferiment tal-liv annwali li ma jistax jittieħed minħabba inkapaċità ġġustifikata. Madankollu, il-Qorti qieset ukoll dik il-possibbiltà u sostniet li "*kull perijodu ta' trasferiment tal-leave għandu jkun sostanzjalment itwal mit-tul tal-perijodu ta' referenza li għalih ingħata*"[24]. Bosta Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet li jintitolaw lill-ħaddiem biex jittrasferixxi jew jipposponi perjodi akkwistati ta' liv annwali meta t-teħid ta' tali liv ikun jikkoinċidi ma' perjodu ta' liv minħabba mard. Iżda f'bosta

---

[18] L-Att dwar il-Ħin tax-Xogħol, l-Artikoli 7(8) u 14.
[19] Il-Kodiċi tax-Xogħol Art. 142, L-Att dwar l-Impjegati taċ-Ċivil Art. 49
[20] Iż-ZDR-1, l-Artikolu 144.3 .
21 Il-Kodiċi tax-Xogħol, l-Artikolu 34.2
[22] Il-Bulgarija (il-Kodiċi tax-Xogħol l-Artikolu 155(2), 8 xhur); L-Estonja (l-Att dwar il-Kuntratti tax-Xogħol § 68 (4), 6 xhur).
[23] Id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja.
[24] Is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2011, *KHS AG* v *Winfried Schulte*, C-214/10, ECLI:EU:C:2011:761, para. 38-40.

pajjiżi, il-perjodu qabel ma l-ħaddiem jitlef id-dritt tiegħu/tagħha għal liv bi ħlas jidher qasir wisq, għax mhuwiex itwal mill-perjodu referenzjarju ta' sena[25].

G. Xogħol ta' bil-lejl

Id-Direttiva għandha dispożizzjonijiet aktar protettivi għall-ħaddiema ta' bil-lejl: bħala medja ma jistgħux jaħdmu aktar minn 8 sigħat kuljum, u mhux aktar minn 8 sigħat fi kwalunkwe ġurnata meta x-xogħol ta' bil-lejl huwa partikolarment perikoluż jew stressanti. Skont l-Artikolu 16(c), il-perjodu referenzjarju għall-applikazzjoni ta' dan il-limitu għandu jiġi definit wara konsultazzjoni maż-żewġ naħat tal-industrija jew fi ftehimiet kollettivi.

B'mod ġenerali l-Istati Membri jillimitaw il-medja tal-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema ta' bil-lejl għal 8 sigħat. Madankollu, għadd ta' Stati Membri għażlu li jħallu li l-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema ta' bil-lejl jinqasam f'medja fuq perjodu ta' 4 xhur[26]. Tali perjodu referenzjarju huwa tal-istess tul bħall-perjodu referenzjarju għall-kalkolu tal-ħin tax-xogħol massimu ġenerali.

Fid-dawl tal-għan tad-Direttiva li tistabbilixxi rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà minimi u minħabba l-ħtieġa li jkun żgurat li d-dispożizzjoni dwar ix-xogħol ta' bil-lejl tibqa' effettiva, il-perjodu referenzjarju applikabbli għax-xogħol ta' bil-lejl għandu jkun sostanzjalment iqsar mill-perjodu użat għall-ġimgħa tax-xogħol massima. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hi tal-fehma li perjodu referenzjarju ta' 4 xhur huwa twil wisq.

Fir-rigward tax-xogħol ta' bil-lejl li jinvolvi perikli partikolari jew strapazz kbir, tliet Stati Membri ma ttrasponewx din id-dispożizzjoni tad-Direttiva[27]. Barra minn hekk, Stat Membru wieħed jippermetti ċerti eċċezzjonijiet li mhumiex f'konformità mad-Direttiva għal dan it-tip ta' xogħol[28].

H. Derogi (Artikoli 17, 18 u 22 tad-Direttiva)

[25] Id-Danimarka (L-Att Konsolidat 202 tal-2013 dwar il-Btajjel Artikolu 13.5); L-Estonja (L-Att dwar il-Kuntratt ta' Impjieg tas-17 ta' Diċembru 2008 Artikolu 68 — fi żmien sena mit-tmiem tas-sena kalendarja li għaliha l-btala hija kkalkolata); il-Litwanja (Il-Kodiċi tax-Xogħol tal-4.6.2002 Artikolu 174 — fis-sena ta' liv annwali li jmiss); is-Slovenja (L-Att dwar ir-Relazzjonijiet tal-Impjieg (Nru 21/2013) Artikolu 162, sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara); il-Finlandja (L-Att dwar is-Sigħat tax-Xogħol 162/2005 l-Artikolu 26; btala tas-sajf posposta tista' tingħata waqt l-istess sena kalendarja wara l-istaġun tal-btajjel, u btala tax-xitwa posposta sal-aħħar tas-sena kalendarja ta' wara).

[26] Id-Danimarka (Att Nru 896 tal-2004 dwar l-implimentazzjoni ta' partijiet mid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol Taqsima 5), il-Kroazja (Att dwar ix-Xogħol Nru 93/14 Artikolu 69), Malta (ftehim kollettiv jew 17-il ġimgħa), l-Ungerija, in-Netherlands (Att dwar is-Sigħat tax-Xogħol tat-23 ta' Novembru 1995 Taqsima 5:8), il-Polonja, is-Slovenja L-Att dwar ir-Relazzjonijiet tal-Impjieg (Nru 21/2013) Artikolu 152, is-Slovakkja (Att Nru 311/2001 Il-Kodiċi tax-Xogħol Artikolu 98), l-Iżvezja (Att dwar is-Sigħat tax-Xogħol SFS 1982:673 Taqsima 13a), ir-Renju Unit (Regolamenti dwar il-Ħin tax-Xogħol 1998 Reg. 6).

[27] Il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands.

[28] Ir-Repubblika Ċeka, (Il-Kodiċi tax-Xogħol Taqsima 94 (1).

1. <u>Ħaddiema awtonomi</u>

L-Istati Membri għandhom permess li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet dwar il-mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, pawżi, ħin tax-xogħol massimu fil-ġimgħa, tul tax-xogħol ta' bil-lejl u perjodi referenzjarji *"meta, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività kkonċernata, it-tul tal-ħin tax-xogħol ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat jew jista' jkun determinat mill-ħaddiema nfushom.* Dan jinsab partikolarment fil-każijiet ta' eżekuttivi amministraturi b'setgħat awtonomi għat-teħid ta' deċiżjonijiet iżda wkoll ħaddiema tal-familja jew ħaddiema li jwettqu ċerimonji reliġjużi fi knejjes u komunitajiet reliġjużi.

F'ċerti każijiet, l-Istati Membri ma jinkludux il-kriterji kollha tal-Artikolu 17(1) fid-definizzjonijiet nazzjonali tagħhom.

Pereżempju, xi testi leġiżlattivi jeżentaw lil ħaddiem li jew:
- jaħdem mid-dar,[29]
- jaqla' tliet darbiet il-paga minima,[30]
- jokkupa pożizzjoni ta' importanza jew fiduċja konsiderevoli u jirċievi salarju seba' darbiet il-paga minima obbligatorja",[31] jew
- li għandu funzjoni amministrattiva[32].

Dawn il-kriterji mhux neċessarjament jiggarantixxu li l-kriterji tad-Direttiva jiġu sodisfatti.

2. <u>Derogi li jeħtieġu li l-ħaddiem jingħata perjodi ta' mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti</u>

Id-Direttiva tippermetti derogi mid-dispożizzjonijiet dwar pawżi, perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa, xogħol ta' bil-lejl u perjodi referenzjarji sabiex titteħed il-medja tal-ħin tax-xogħol:

- f'firxa ta' attivitajiet jew sitwazzjonijiet, pereżempju, attivitajiet li jinvolvu l-bżonn ta' kontinwità, ċerti attivitajiet staġonali fejn ikun hemm żieda f'daqqa ta' attività, u ċerti sitwazzjonijiet fejn il-post tax-xogħol u r-residenza tal-ħaddiem huma 'l bogħod minn xulxin (bi ftehim kollettiv, ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija jew liġijiet nazzjonali jew regolamenti); u

- fi kwalunkwe tip ta' attività jew sitwazzjoni definita bi ftehim kollettiv, jew ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell nazzjonali jew reġjonali (jew, meta dawk l-atturi jiddeċiedu hekk, miż-żewġ naħat tal-industrija jew miż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell kollettiv xieraq).

[29] Il-Lussemburgu (il-Kodiċi tax-Xogħol Artikolu L.211-3).
[30] In-Netherlands (Id-Digriet dwar il-Ħin tax-Xogħol tal-4 ta' Diċembru 1995 Artikolu 2.1:1).
[31] L-Ungerija (Att I tal-2012 dwar il-Kodiċi tax-Xogħol Taqsimiet 208 u 209).
[32] Il-Portugall (Liġi Nru 7/2009, tat-12 ta' Frar (il-Kodiċi tax-Xogħol) Artikolu 18a).

Madankollu, ir-regoli ma jippermettux li l-perjodi minimi ta' mistrieħ jintilfu kompletament. Dan huwa permess biss f'każijiet eċċezzjonali fejn ikun oġġettivament impossibbli li jingħata mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti, u fejn il-ħaddiema jkunu ngħataw ħarsien alternattiv xieraq. Barra minn hekk, skont is-sentenza *Jaeger* ,[33] il-mistrieħ kumpensatorju għandu jingħata minnufih, fil-perjodu immedjatament wara dak li fih il-perjodu ta' mistrieħ intilef.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri ttrasponew dawn id-derogi u jagħmlu użu minnhom.

Fir-rigward tas-setturi u l-attivitajiet ikkonċernati, b'mod ġenerali l-Istati Membri implimentaw l-attivitajiet elenkati fid-Direttiva stess.

Madankollu, il-liġijiet nazzjonali ta' għadd ta' Stati Membri jidhru li jaqbżu d-derogi permessi skont id-Direttiva b'mod partikolari:

- billi ma jimponu l-ebda rekwiżit li jingħata mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti lill-ħaddiem ikkonċernat; pereżempju, f'sitwazzjonijiet urġenti u meta dan ikollu impatt serju fuq l-attivitajiet kummerċjali jew, billi jippermettu li l-mistrieħ mitluf jiġi kkumpensat finanzjarjament[34], billi ma jimponux tali rekwiżit għal ċerti setturi jew xogħol bix-xift,[35] billi jiddependu fuq tipi oħra ta' miżuri protettivi jew billi ma jistipulawx mistrieħ kumpensatorju li huwa ekwivalenti għat-tqassir tal-perjodu ta' mistrieħ;[36]
- billi jistabbilixxu perjodu ta' żmien għall-għoti ta' perjodi ta' mistrieħ kumpensatorji li huwa twil wisq, pereżempju xi Stati Membri jippermettu li l-kumpens ekwivalenti għal partijiet mitlufa ta' mistrieħ ta' kuljum jingħata fi żmien perjodi li jvarjaw minn 14-il jum sa 6 xhur f'ċerti attivitajiet jew setturi[37] u wħud jippermettu li l-kumpens ekwivalenti għall-partijiet ta' mistrieħ fil-ġimgħa mitlufa jingħata bejn 6 ġimgħat u 6 xhur wara li l-mistrieħ ikun intilef.[38]

---

[33] Is-Sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, *Landeshauptstadt Kiel* v *Norbert Jaeger,* C-151/02, ECLI:EU:C:2003:437.

[34] Il-Belġju (Il-Kodiċi tax-Xogħol tas-16 ta' Marzu 1971, it-Taqsima VI, l-Artikolu 38); Franza (L.3132-5 Il-Kodiċi tax-Xogħol); Franza (D-3131-2 Il-Kodiċi tax-Xogħol); Il-Finlandja (L-Att dwar is-Sigħat tax-Xogħol 605/1996, Taqsima 32); Franza (Digriet Nru°2000-815 25 ta' Awwissu 2000 li jirrigwarda l-ħin tax-xogħol fis-settur pubbliku tal-istat Artikolu 3)[34]; Il-Finlandja (L-Att dwar is-Sigħat tax-Xogħol 605/1996, Taqsima 32);

[35] Franza (Digriet Nru°2000-815 25 ta' Awwissu 2000 li jirrigwarda l-ħin tax-xogħol fis-settur pubbliku tal-istat Artikolu 3); l-Ungerija (l-Att CLIV tal-1997 dwar il-Kura tas-Saħħa (Eütv); L-att CCV tal-2012 dwar l-Istatus Legali tas-Suldati (Hjt.); In-Netherlands (Id-Digriet dwar il-Ħin tax-Xogħol tal-4 ta' Diċembru 1995, il-Kap. 5); Ir-Rumanija, Il-Kodiċi tax-Xogħol, l-Artikolu 135

[36] Il-Ġermanja (L-Att dwar il-Ħin tax-Xogħol Artikolu 7(2a) u 7(9)).

[37] Il-Belġju (il-Liġi tal-14 ta' Diċembru 2000 għas-Settur Pubbliku Artikolu 7); Ir-Repubblika Ċeka (Att Nru 262/2006 il-Kodiċi tax-Xogħol Taqsimiet 90a u 92); Il-Ġermanja (L-Att dwar il-Ħin tax-Xogħol tas-6 ta' Ġunju 1994, l-Artikolu 5.2 u 5.3); Spanja (il-Liġi 55/2003 tas-16 ta' Diċembru 2003 tal-Istatut Qafas għal Ħaddiema Statutorji fis-Servizz tas-Saħħa, l-Artikolu 54) L-Awstrija (l-Att dwar ix-Xogħol ta' Impjegat taċ-Ċivil Nru 33/1979, Taqsima 48a); L-Awstrija (Liġi 461/1969 dwar is-Sigħat tax-Xogħol, Taqsima 12); Is-Slovenja (L-Att dwar ir-Relazzjonijiet tal-Impjieg (ERA-1) 2013 Artiklu 158*)*; Is-Slovenja (Att dwar it-Tobba Nru 72/06-ZZdrS UPB3) Artikolu 41d, Att dwar is-Servizzi tas-Saħħa Nru 23/05 – UPB2); Is-Slovakkja (Att Nru 311/2001 Il-Kodiċi tax-Xogħol Taqsima 92.2); Il-Finlandja (Att dwar is-Sigħat tax-Xogħol 605/1996 Taqsima 29).

[38] Ir-Repubblika Ċeka (Att Nru 262/2006 il-Kodiċi tax-Xogħol Taqsimiet 90a u 92); Is-Slovenja (L-Att dwar ir-Relazzjonijiet tal-Impjieg (ERA-1) 2013 Artiklu 158); Is-Slovenja (Att dwar it-Tobba Nru 72/06-ZZdrS UPB3)

3. Nonparteċipazzjoni

L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li ma japplikawx il-limitu massimu għall-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa diment li l-prinċipji ġenerali tal-ħarsien tas-saħħa u dawk tas-sigurtà tal-ħaddiema jiġu rispettati u jitwaqqfu ċerti miżuri protettivi (Artikolu 22 tad-Direttiva). Il-ħaddiem ma jistax ikun obbligat jaħdem aktar minn medja ta' 48 siegħa fil-ġimgħa sakemm l-ewwel ma jkunx ta l-kunsens espliċitu, liberu u informat tiegħu bil-quddiem sabiex iwettaq tali ħidma. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-ħaddiem ma jiġix soġġett għal xi detriment mill-impjegatur tiegħu jekk dan tal-aħħar ma jkunx jixtieq iwettaq tali xogħol. L-Istat Membru għandu jiżgura wkoll li l-impjegatur iżomm rekords aġġornati tal-ħaddiema kollha li jwettqu tali xogħol u jqiegħed dawn ir-rekords għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, li jistgħu, għal raġunijiet marbuta mas-sigurtà u/jew is-saħħa tal-ħaddiema, jipprojbixxu jew jillimitaw il-possibbiltà li jinqabżu s-sigħat ta' xogħol massimi fil-ġimgħa.

Madwar 18-il Stat Membru issa jistipulaw l-użu tan-nonparteċipazzjoni. Minn dawn, 6 (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, Malta u r-Renju Unit) jippermettu l-użu tan-nonparteċipazzjoni irrispettivament mis-settur, filwaqt li t-12 l-oħra (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja) jillimitaw l-użu tagħha għall-impjiegi li jagħmlu użu estensiv tal-ħin tal-għassa, bħas-servizzi tas-saħħa jew is-servizzi ta' emerġenza. Il-Kroazja u l-Awstrija huma utenti ġodda tan-nonparteċipazzjoni.

L-10 Stati Membri li jifdal (id-Danimarka, l-Irlanda, il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja u l-Iżvezja) ma jużawx in-nonparteċipazzjoni.

B'mod ġenerali, ir-rekwiżiti ddikjarati direttament fid-Direttiva dwar il-kunsens espliċitu mill-ħaddiem, iż-żamma ta' rekords u r-rapportar lill-awtoritajiet dwar ħaddiema li jaħdmu aktar minn medja ta' 48 siegħa fil-ġimgħa jiġu osservati. Madankollu, xi pajjiżi donnhom għandhom nuqqas ta' traspożizzjoni ċara tar-rekwiżit li jiġi pprojbit it-trattament detrimentali ta' ħaddiema li jirrifjutaw li jagħtu kunsens.

M'hemm l-ebda limitu massimu espliċitu għan-numru ta' sigħat ta' xogħol li jistgħu jiġu permessi skont l-Artikolu 22. Madankollu, id-Direttiva tgħid li l-prinċipji ġenerali għall-ħarsien tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiem għandhom jiġu rispettati. Peress li d-Direttiva ma tippermettix derogi mill-mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa mingħajr mistrieħ kumpensatorju, ir-rekwiżiti għall-mistrieħ xorta waħda ser jillimitaw is-sigħat ta' xogħol permessi.

Artikolu 41d, Att dwar is-Servizzi tas-Saħħa Nru 23/05 –ZZdej UPB2); Is-Slovakkja (Att Nru 311/2001 Il-Kodiċi tax-Xogħol Taqsima 93.5); Il-Finlandja (Att dwar is-Sigħat tax-Xogħol 605/1996 Taqsima 32).

Jidher li nofs l-Istati Membri li jimplimentaw in-nonparteċipazzjoni jipprovdu xi tip ta' limitazzjoni espliċita għas-sigħat ta' xogħol permessi[39].

Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, ħames Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet espliċiti li jeħtieġu li l-impjegatur iżomm rekord tas-sigħat ta' xogħol ta' ħaddiema li ddeċidew li ma jipparteċipawx.[40] Madankollu, iż-żamma ta' rekords tas-sigħat ta' xogħol tista' tkun ukoll segwitu tal-leġiżlazzjoni ġenerali li tapplika għall-ħaddiema kollha.

I. Valutazzjonijiet minn Stati Membri u sħab soċjali

1. Trade Unions

Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) hi tal-fehma li l-applikazzjoni prattika tad-Direttiva ma tissodisfax l-għanijiet tagħha li tħares u ttejjeb is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-KETU tgħid li n-nonparteċipazzjoni qed timmina l-għan tad-Direttiva, għax il-ħidma għal sigħat twal qed tagħmel ħsara lis-saħħa tal-ħaddiema.

Il-KETU hi tal-fehma li d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ma ġietx trasposta b'mod sodisfaċenti fl-Istati Membri differenti.

Il-problemi l-aktar kritiċi jirrigwardaw:

- il-fatt li l-ħin tal-għassa ma jingħaddx bħala ħin tax-xogħol;
- il-fatt li l-mistrieħ kumpensatorju ma jitteħidx direttament wara xift;
- l-estensjoni tal-perjodi referenzjarji għal tnax-il xahar bil-leġiżlazzjoni;
- l-użu tan-nonparteċipazzjoni; u
- id-deroga għall-ħaddiema awtonomi.

L-opinjoni li d-Direttiva ma ġietx trasposta b'mod sodisfaċenti fl-Istati Membri differenti jaqbel magħha l-Eurocrades, li jargumenta li l-aktar problemi ovvji huma dwar u il-ħin tal-għassa u dwar id-deroga tal-ħaddiema awtonomi.

2. Impjegaturi

Il-problemi ewlenin li l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi jqajmu fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva huma:

- liġijiet nazzjonali li jitqiesu aktar stretti minn dak li teħtieġ id-Direttiva u mhux biżżejjed użu tad-derogi disponibbli

[39] Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, il-Kroazja, il-Latvja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, is-Slovakkja.
[40] Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, Ċipru u l-Latvja.

- problemi sinifikanti bl-applikazzjoni prattika tas-sentenzi SIMAP-Jaeger dwar il-ħin tal-għassa u l-mistrieħ kumpensatorju kif ukoll is-sentenzi dwar il-liv annwali fil-kuntest tal-liv minħabba mard.

Il-federazzjonijiet membri tan-Negozji Ewropej (BusinessEurope) huma tal-fehma li l-miżuri għat-traspożizzjoni tad-Direttiva jissodisfaw l-għanijiet tagħha f'termini tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Madankollu, huma wkoll tal-fehma li jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju f'dan ir-rigward.

In-Negozji Ewropej jirrapportaw li l-federazzjonijiet membri tagħhom ġeneralment iqisu li mil-lat legali, id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ġiet trasposta b'mod sodisfaċenti fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Il-federazzjonijiet membri jindikaw ukoll problemi ta' nuqqas ta' konformità mad-Direttiva li tirrigwarda l-ħin tal-għassa u dispożizzjonijiet dwar mistrieħ kumpensatorju f'ċerti setturi pubbliċi u privati.

3. Stati Membri

Prinċipalment, l-Istati Membri ntalbu jirrapportaw dwar kwalunkwe xogħol ta' evalwazzjoni mwettaq taħt l-awtorità tagħhom u biex jindikaw x'kienu l-konklużjonijiet ewlenin dwar l-impatt soċjoekonomiku tal-miżuri ta' traspożizzjoni. Fiż-żmien meta nġabret l-informazzjoni, ir-Renju Unit biss kien wettaq evalwazzjoni speċifika tal-effetti tal-miżuri li jittrasponu r-rekwiżiti u d-derogi tad-Direttiva.

Din l-evalwazzjoni ssostni li t-tnaqqis ta' 15 % fin-numru ta' impjegati li jaħdmu aktar minn 48 siegħa bejn l-1997 u l-2013 għandu primarjament jitqies bħala parti minn tendenza internazzjonali usa' lejn sigħat tax-xogħol imnaqqsa. Madankollu, l-evalwazzjoni ssostni wkoll li s-sejbiet jissuġġerixxu li l-introduzzjoni tar-Regolamenti dwar il-Ħin tax-Xogħol kellha xi effett addizzjonali żgħir fit-tnaqqis tal-ammont ta' sigħat twal ta' xogħol maħduma.

J. Konklużjoni

F'termini ġenerali, il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema fl-UE huma soġġetti għal regoli dwar il-ħin tax-xogħol li jirrispettaw il-leġiżlazzjoni tal-UE. F'bosta każijiet, ir-regoli nazzjonali jagħtu aktar ħarsien minn kemm hu meħtieġ skont id-Direttiva.

Il-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri mar-rekwiżiti tad-Direttiva qiegħda titjieb. Pereżempju, bosta pajjiżi emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-liv annwali, b'mod partikolari għall-akkwist u t-trasferiment tal-liv annwali għal persuni li qegħdin bil-liv minħabba mard jew liv tal-maternità/tal-ġenituri. Barra minn hekk, bosta pajjiżi emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-ħin tax-xogħol ta' gruppi speċifiċi ta' ħaddiema.

L-analiżi li saret mill-Kummissjoni fl-2010 uriet li numru kbir ta' Stati Membri kienu introduċew id-deroga li tippermetti lill-ħaddiema biex jagħmlu "nonparteċipazzjoni" tal-limitu fuq il-ħin massimu ta' xogħol. Minn dak iż-żmien, is-sitwazzjoni kienet stabbli, bil-Kroazja u l-Awstrija jkunu l-uniċi Stati Membri oħrajn li introduċew id-deroga.

Ir-rapport attwali juri wkoll li għad hemm problemi bl-implimentazzjoni ta' elementi ewlenin tad-Direttiva, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Jidher biċ-ċar li l-problema l-aktar mifruxa hija t-traspożizzjoni skorretta tar-rekwiżit li jingħata mistrieħ kumpensatorju fejn il-perjodi minimi ta' mistrieħ huma mnaqqsa jew posposti.

Hemm problemi oħrajn li però huma inqas komuni. Dawn jirrigwardaw t-trattament tal-ħin tal-għassa bħala ħin tax-xogħol, il-limiti fuq il-ħin tax-xogħol massimu għal gruppi speċifiċi ta' ħaddiema (prinċipalment il-persunal tas-saħħa u l-forzi armati) u limiti fuq il-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema ta' bil-lejl.

Barra minn hekk, hemm problemi f'bosta Stati Membri fir-rigward tar-regoli dwar l-akkwist ta' liv annwali matul l-ewwel sena ta' impjieg u d-dritt tal-ħaddiem li jżomm id-drittijiet tal-liv akkwistat għal perjodu twil biżżejjed meta l-liv annwali jikkoinċidi mal-liv minħabba mard.

Il-Kummissjoni se tindirizza l-pożizzjonijiet li jqumu mil-liġijiet u mill-prattiki nazzjonali skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni '*Id-Dritt tal-UE: Riżultati Aħjar permezz ta' Applikazzjoni Aħjar*'.

Mingħajr preġudizzju għar-rwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattati, il-Kummissjoni se tkompli ssostni l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu l-implimentazzjoni tagħhom, u lesta tiffaċilita l-iskambji bejn l-Istati Membri u bejn l-imsieħba soċjali, fejn dan jista' jkun ta' għajnuna.

Il-Komunikazzjoni Interpretattiva għandha l-għan li ġġib iċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali meta tiġi applikata d-Direttiva. Dan ir-rapport jgħin sabiex jiġu identifikati l-oqsma ewlenin għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri fil-ġejjieni u għall-attivitajiet ta' infurzar.